

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 83/2010

tat-2 ta' Lulju 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 61/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 105/2010 tal-5 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jstabbilixxi l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel fir-rigward tal-okratossina A <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2010 tas-26 ta' Frar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jstabbilixxi l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel fir-rigward tal-aflatossini <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

## Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjud mal-punt 54zzzz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim:

— **32010 R 0105**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 105/2010 tal-5 ta' Frar 2010 (ĠU L 35, 6.2.2010, p. 7),

— **32010 R 0165**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2010 tas-26 ta' Frar 2010 (ĠU L 50, 27.2.2010, p. 8)."

## Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 105/2010 u (UE) Nru 165/2010 bil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Lulju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESON

<sup>(1)</sup> ĠU L 244, 16.9.2010, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 35, 6.2.2010, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 50, 27.2.2010, p. 8.

(\*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.